MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 690/2012

**Zheta International Limited**
**C48860**

**vs**

**Probe Technologies Limited**
**C30550**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti qed titlob lis-socjeta' intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' elfejn disa' mija u tlettax-il ewro (€2,913.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi lilek.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru nru

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija intempestiva stante li kwalunkwe ammont talvolta dovut favur is-socjeta' attrici huwa kundizzjonat minn prestazzjonijiet attrici li sallum ghadhom ma nghatawx skont kif pattwit; Illi fil-mertu, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici ghar-raguni ta' *exceptio non rite adempleti contractus*, fis-sens li l-istess socjeta' attrici naqset milli twettaq l-obbligi taghha peress li dak li ghamlet kien inkomplet u kwindi karatterizzat minn nuqqas u nadempjenza kuntrattwali.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Ha konjizzjoni tax-xhieda tar-rapprezentanti tal-partijiet kontendenti, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi gie ffirmat ftehim minnu u mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li in forza tieghu gew inkarigati s-servizzi tas-socjeta' attrici sabiex jigi mhejji u ddisinjat website ghas-socjeta' konvenuta, liema ftehim huwa datat 18 ta' Marzu, 2011 (a fol.26 *et seq*. tal-atti), kif ukoll sabiex jigi mhejji *corporate identity* ossia *logo* sabiex jintuza mill-istess socjeta' konvenuta, liema ftehim huwa datat 17 ta' Gunju, 2011 (a fol.34 *et seq* tal-atti). Illi minn dawn l-iskritturi jirrizulta illi l-prezz miftiehem kien ta' hamest elef ewro (€5,000) oltre VAT u hames mitt ewro (€500) oltre VAT rispettivament, u gie indikat ukoll il-modalita' ta' hlas tal-istess ammonti, li effettivament kien permezz ta' pagamenti rateali li s-socjeta' konvenuta wettqet permezz ta' *post dated cheques*. Illi l-ahhar zewg cheques rilaxxjati mis-socjeta' konvenuta bhala pagamenti akkont tal-prezz miftiehem ma ssarfux, u ghalhekk is-socjeta' attrici qed titlob li jigi mwettaq tali hlas. Illi oltre dan is-socjeta' attrici giet

inkarigata wkoll sabiex thejji *facebook app* li jkun abbinat mal-website, u ghal dan is-servizz, is-socjeta’ konvenuta kellha thallas is-somma ta’ hames mitt ewro (€500) oltre l-VAT.

Illi ghalhekk, u in bazi tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti, s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn disa’ mija u tlettax-il ewro (€2,913.00) li jirrapprezentaw in kwantu ghal hames mija u disghin ewro (€590.00) hlas ghat-thejjija tal-logo, hames mija u disghin ewro (€590.00) ghat-thejjija tal-*facebook app,* u l-ammont ta’ elf seba’ mija tlieta u tletin ewro (€1,733.00) li huma l-ahhar zewg pagamenti dovuti ai termini tal-ftehim datat 18 ta’ Marzu, 2011, u cioe’ pagament ta’ tmien mija tlieta u tletin ewro (€833.00) u disa’ mitt ewro (€900.00).

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jsostni illi x-xoghol li s-socjeta’ attrici giet inkarigata li twettaq sar kollu kemm hu, u li dan gie debitament ikkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta. Illi skont dan l-istess xhud l-intendiment bejn il-partijiet f’dak li jirrigwarda l-*website design* kien fis-sens illi s-socjeta’ attrici thejji din l-istess website, filwaqt illi kienet ser tinserixxi f’din il-website l-informazzjoni li tipprovdilha s-socjeta’ konvenuta. Illi tali informazzjoni necessarjament kellha tipprovdiha s-socjeta’ konvenuta, u ghalkemm is-socjeta’ attrici osservat il-perjodi ghat-twettiq tax-xoghol kif rizultanti mill-iskritturi, madanakollu, kienet dipendenti fuq is-socjeta’ konvenuta li tghaddilha tali informazzjoni, u fil-fatt kien hemm skambju ta’ e-mails bejn varji impjegati fi hdan is-socjetajiet kontendenti dwar l-informazzjoni li kienet mehtiega, u anke struzzjonijiet dwar kif din l-informazzjoni setghet tigi *uploaded* fuq il-website anke minn impjegati tas-socjeta’ konvenuta, liema process – skont ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici – seta’ facilment isir minn impjegati tas-socjeta’ konvenuta stante illi l-programm kien *user friendly*, oltre illi l-istess impjegati tas-socjeta’ konvenuta gew iggwidati dwar kif dan seta’ jsir. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici jsostni illi s-socjeta’ konvenuta rceviet il-konsenja tal-prodotti kollha li l-istess socjeta’ attrici giet inkarigata sabiex thejji fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, u dan anke in vista tal-fatt illi s-socjeta’ konvenuta nghatat *manual* u linji gwida dwar

kif tigi *uploaded* l-informazzjoni dwar il-prodotti tas-socjeta' attrici fuq il-website, u li ghalhekk inghatat il-gestjoni u kontroll tal-istess website.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, da parti tieghu ddikjara illi l-istess socjeta' konvenuta m'hix disposta illi twettaq il-hlas tal-bilanc li ghadu dovut fuq il-ftehim datat Marzu, 2011, rapprezentanti l-ahhar zewg pagamenti, ghaliex il-prodott ossia website li gie kkonsenjat lilhom mis-socjeta' attrici, mhux prodott kompletat. Illi dan oltre l-fatt illi, skont dan l-istess xhud, is-socjeta' attrici ma osservatx iz-zmien miftiehem li fih kellu jigu kkonsenjat dan il-prodott, tant illi sa sentejn wara li gie ffirmat il-ftehim, il-website kien ghadu ma giex kompletat mis-socjeta' attrici. Illi f'dan ir-rigward ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ghamel referenza ghall-iskambju ta' e-mails li ghadda bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti, kif ukoll ipprezenta varji *images* li gew *printed* minn fuq il-website relattiv, li juru li l-prodott li ghalih ghandha access s-socjeta' konvenuta, ghadu mhux kompletat (a fol.127 *et seq* tal-atti). Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi kien ghalhekk illi l-istess socjeta' konvenuta waqqfet il-hlas tal-ahhar zewg pagamenti dovuti akkont tal-prezz miftiehem. Illi f'dak li jirrigwarda l-*corporate identity*, ossia logo, li s-socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex thejji, l-istess rapprezentant iddikjara illi minkejja l-fatt illi s-socjeta' attrici pprovdithom b'diversi samples jew ideat ta' logos, dak ahhari li qed jintuza mis-socjeta' konvenuta gie mhejji bhala *joint effort* bejn is-socjeta' attrici u xi socjeta' ohra estera li tinsab ibbazata f'Dubai, u li maghha s-socjeta' konvenuta kellha, jew ghandha, relazzjoni ta' negozju. Illi dan oltre l-fatt illi s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda obbligu illi necessarjament tuza wahda mil-logos li giet imhejjija mis-socjeta' attrici. Illi f'dak li jirrigwarda l-*facebook app*, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi hu baqa' ma nghata ebda informazzjoni mis-socjeta' attrici in rigward, u li ghalhekk u sa fejn jaf hu, din baqghet ma gietx kompletata mis-socjeta' attrici, u sar jaf biss bit-thejjija taghha meta gew ipprezentati xi dokumenti fl-atti ta' dawn il-proceduri. Illi dan oltre l-fatt illi ladarba l-website m'hix *operational*, lanqas din l-*app* – li hija abbinata mal-website – ma hija

*operational*. Illi ghalhekk isostni illi l-ammonti rikjesti ghall-logo u din l-*app* m'humiex dovuti.

Illi f'dak li jirrigwarda l-modalita' tal-hlas ta' pagamenti dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ai termini tal-ftehim, l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ddikjara illi fl-ebda waqt ma talab illi jkun hemm xi tibdil jew varjazzjoni f'tali modalita' ta' hlas.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar talba ghall-hlas mis-socjeta' attrici rivolta fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghal servizzi li gew ipprestati mill-istess socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u rizultanti minn zewg skritturi datati 18 ta' Marzu, 2011 u 17 ta' Gunju, 2011. Illi s-socjeta' konvenuta kienet bdiet twettaq il-hlas dovut minnha, izda ssospendiet tali hlasijiet ghaliex deherilha illi s-socjeta' attrici ma kienetx qed tottempera ruhha mal-ftehim relattiv ghad-disinn u thejjija ta' *website* li kellu jintuza mis-socjeta' konvenuta sabiex tirreklama l-prodotti taghha. Illi mill-ammont ta' hamest elef u disa' mitt ewro (€5,900.00) is-socjeta' attrici hallset is-somma ta' erbat elef mija u sittin ewro (€4,160.00), u jonqos ukoll il-hlas tas-somma ta' hames mija u disghin ewro (€590.00) ghat-thejjija tal-*logo* u hames mija u disghin ewro (€590.00) ghat-thejjija tal-*facebook app*. Illi dwar il-logo giet ipprezentata wkoll skrittura ffirmata miz-zewg rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti, li kopja taghha tinsab a fol.34 tal-atti. Illi dwar il-*facebook app*, u li kopja tal-*facebook page* tinsab a fol.90 u 117 tal-atti, ma jidhirx illi giet iffirmata skrittura, u ghalkemm hemm referenza ghall-hlas dovut fl-e mail datata 12 ta' April, 2013 (a fol.89 tal-atti), ma jidhirx illi giet iffirmata skrittura ohra in rigward.

Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija bbazata fuq il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, rizultanti miz-zewg skritturi ezebiti in atti, in kwantu s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi l-ammont reklamat mhux dovut, ghaliex is-socjeta' attrici naqset milli twettaq l-obbligi kontrattwali taghha, kif rizultanti minn tali skritturi, oltre li tikkontendi wkoll illi l-azzjoni hija ntempestiva, ghaliex is-socjeta' attrici ghadha

ma wettqitx dak miftiehem, u ghalhekk ma ghandhix tottjeni hlas ghal xoghol li ghadu ma sarx. Illi mill-atti li gew ipprezentati mill-partijiet jidher illi x-xoghol li kellu jigi mwettaq mis-socjeta' attrici f'dak li jirrigwarda t-thejjija u ddisinjar tal-website, dan kellu jsir bejn Marzu, 2011 u Mejju, 2011; illi mill-iskambju ta' e-mails li gew ipprezentati mill-partijiet jidher ukoll illi s-socjeta' attrici f'Awwissu, 2011 kienet qed titlob lis-socjeta' konvenuta tipprovdiha bl-informazzjoni li kienet mehtiega li tigi *uploaded* fuq il-website (*e-mail* a fol.79 tal-atti), u tali xogholijiet jidher illi baqghu ghaddejjin addirittura sa Frar, 2012 (a fol.67 sa 78 tal-atti). Illi minn tali skambju ta' e-mails ma jirrizultax illi f'xi waqt tul dan il-perjodu kollu l-istess socjeta' konvenuta ddikjarat ruhha mhux kuntenta bix-xoghol li kien qed jigi mwettaq mis-socjeta' attrici; anzi jidher illi f'dan l-istess zmien kienet qed titlob informazzjoni minghand is-socjeta' attrici, jew ahjar l-impjegati taghha, dwar kif topera u tiggestixxi l-website relattiv. Illi lanqas ma jirrizulta minn dan l-iskambju ta' *e-mails* illi f'xi waqt qabel ma waqqfet il-pagamenti s-socjeta' konvenuta tterminat il-ftehim ta' appalt li hi kellha mas-socjeta' attrici, u li ghalhekk tatha xi struzzjonijiet sabiex tieqaf mit-twettiq tax-xoghol li giet inkarigata li taghmel.

Illi ghalhekk, u ghalkemm is-socjeta' konvenuta qed tikkontendi illi s-socjeta' attrici naqset milli twettaq ix-xoghol li giet inkarigata li tghamel, dan ma rrizultax soddisfacentement mill-provi mressqa mis-socjeta' konvenuta, li d'altronde kellha l-oneru li tipprova dak li qed jigi allegat minnha, u cioe' inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta' attrici. Illi anzi, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-iskambju kopjuz u sostanzjali ta' e-mails li ghadda bejn il-partijiet kontendenti juri illi s-socjeta' attrici kienet qed taghmel kuntatt regolari mas-socjeta' konvenuta, jew ahjar l-impjegati taghha, sabiex titlob u tottjeni l-informazzjoni mehtiega sabiex tkun tista' tibda tiffunzjona l-website rikjesta mis-socjeta' konvenuta. Illi lanqas ma jidher illi huwa gustifikat l-ilment tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta illi sostna illi l-informazzjoni rizultanti mid-dokumenti li jinsabu *a fol.*127 sa 150 tal-atti kellhom jigu *uploaded* fuq il-*website* minn persuni impjegati mas-socjeta' attrici, ghaliex in

kontroezami ddikjara illi; "... *f'dan ir-rigward jista' jkun li kien hemm nuqqas da parti tieghi ghaliex il-kuntratt kien vag hafna u ghalhekk seta' kien hemm xi malintiz bejnietna dwar dak illi kont qed nitlob li jsir. U nghid illi dan il-kontenut eventwalment hejjejtu jien a spejjez tieghi addizzjonali, madanakollu minghajr dan il-kontenut ma kienx ikun hemm utilita' ta' din il-website*."

Illi ghalhekk u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq riportati, it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici aderiet u wettqet l-obbligi kontrattwali taghha f'dak li jirrigwarda t-thejjija tal-website, u ghalhekk il-bilanc dovut ai termini tal-iskrittura datata Marzu, 2011, ammontanti ghal elf seba' mija tlieta u tletin ewro (€1,733.00), huwa effettivament dovut.

Illi l-istess japplika f'dak li jirrigwarda t-thejjija tal-*corporate identity,* jew logo, li s-socjeta' attrici giet mitluba li tiddisinja u tikkrea. Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma kkontestax dak li gie allegat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici illi rcieva dawk is-*samples* li kopja taghhom jinsabu *a fol.*43 sa 54 tal-atti, u l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta anke pprezenta varji ohrajn li nghataw lilu mis-socjeta' attrici, u li jinsabu *a fol*.107 sa 116 tal-atti; izda jikkontendi illi l-hlas mhux dovut mis-socjeta' konvenuta ghal dan ix-xoghol ghaliex l-istess socjeta' konvenuta ma kienitx tenuta illi taghzel ebda wahda minn dawk il-*logos* mhejjija mis-socjeta' attrici, u ddikjara wkoll illi l-*logo* li effettivament qed jintuza mis-socjeta' konvenuta huwa r-rizultat ta' *joint effort* bejn is-socjeta' attrici u socjeta' estera li tinsab gewwa Dubai. Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma tax informazzjoni dwar x'ried ifisser b'xoghol li sar permezz ta' *joint effort* bejn is-socjeta' attrici u dik estera, li maghha kellha relazzjoni kummercjali s-socjeta' konvenuta, madanakollu, l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta qed jirrikonoxxi illi s-socjeta' attrici tat il-kontribut taghha in rigward it-thejjija tal-*logo* li effettivament qed jintuza mis-socjeta' konvenuta. Illi kien jispetta lis-socjeta' konvenuta li jressaq provi aktar cari u konvincenti in rigward il-kontribut tas-socjeta' estera lejn it-thejjija tal-logo, u gialadarba naqset milli taghmel dan, u

gialadarba rrizulta wkoll illi s-socjeta’ attrici wettqet dak mitluba minnha ai termini tal-iskrittura datata 17 ta’ Gunju, 2011, fejn giet inkarigata “... *for the purpose of designing, creating and delivering a corporate identity*...”, allura jsegwi illi l-ammont miftiehem ghal dan is-servizz, ammontanti ghal hames mija u disghin ewro (€590.00), huwa effettivament dovut.

Illi f’dak li jirrigwarda l-*facebook app*, it-Tribunal jirrileva illi ma gietipprezentata ebda skrittura jew ftehim in rigward it-thejjija tal-istess, u ghalkemm gie ezebit *print out* ta’ dak li jidher bhala *facebook page* f’isem is-socjeta’ konvenuta, ma rrizultax sodisfacentement illi din giet imhejjija mis-socjeta’ attrici. Illi ghalhekk, u gialadarba ma jidhirx illi ntlahaq ftehim specifiku bejn il-partijiet in rigward it-thejjija ta’ dan l-imsemmi *facebook app*, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici in rigward, m’huwiex effettivament dovut mis-socjeta’ konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ *in parte* t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn tliet mija tlieta u ghoxrin ewro (€2,323.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------